TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 116/11

**Raymond Vella**

**vs**

**BT Commercial**

Illum 6 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elf, tmien mija u ħamsa u disgħin ewro (€1,895), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* illi mhux biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda ta' ħames residenti ġod-dar u qiegħed dejjem juża l-geyser.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *solar water heater* għall-prezz ta' elf, tmien mija u ħamsa u disgħin ewro (€1,895) u l-użu tiegħu mhux qed jintlaħaq għax lanqas huwa sostenibli għal tliet persuni u r-rikorrenti kienu nfluwenti li waqt li qegħdin ħames min-nies id-dar u għalhekk qed jippretendi li s-*solar water heater* ilaħħaq għal ħames min-nies u konsegwentement ta' dan qiegħed dejjem juża l-geyser.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li saru diversi tentattivi.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat kien għadu ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jara li n-nuqqas ta' risposta u anke t'attendenza min-naħa tal-intimat, juri li m'għandux oġġezzjoni għal din it-talba.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa` t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf, mitejn u ħamsin ewro (€1,250), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi s-*solar water heater* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**